# Minuti tal-466 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 22 t' Awwissu 2016

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonniċi, is-Sur John J Pace u s-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

Is-Sur Domenic Agius daħal għal-laqgħa fis-6.10 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

Is-Sinjura Anna Calleja kienet skużata.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrina Busuttil, kienet ukoll skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 408 u minflok il-kliem 'Triq il-Kapuċċini tissemma Triq Victor Cilia' jidħol il-kliem 'Triq il-Kapuċċini tissemma Triq Dun Victor Cilia'.

Il-minuti tal-465 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-minuti

Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

Item 4 – Qari tal-minuti tas-sotto-kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-sotto-kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Knisja tas-Salib Imqaddes dwar sports fest propost li jsir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd 16 t' Ottubru, 2016 flimkien mal-Knisja tas-Salib Imqaddes. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien mal-Knisja tas-Salib Imqaddes u li jagħti tifkira tal-okkażjoni lill-parteċipanti liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €700.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC sabiex jibdew jiġu organizzati korsijiet tal-komputer *taI-ECDL* fil-bini tal-Kunsill għall-prezz issussidjat ta' €295. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li għalissa dan il-kors ma jsirx fil-bini tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni mibgħuta mir-residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq ix-Xgħajra maġenb Triq Lia u Triq il-Kapuċċini, sabiex art pubblika li hemm f'din l-akwata u li bħalissa tinsab żdingata, tiġi mnaddfa. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat kopja tal-ittra fejn il-Kunsill kien talab formalment għad-devoluzzjoni tal-art pubblika li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni mibgħuta mir-residenti sabiex issir *road hump* fi Triq il-Lembija kif ukoll ir-rispons tar-residenti dwar il-proposta li ssir *road hump* fi Triq iż-Żinġla. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn iż-żewġ *road humps.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Pace, Direttur tal-kumpanija *Y Limited*, dwar l-attività li saret bl-isem ta' *Career Fair* f'Ħaż-Żabbar fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi matul din l-attività ġew offruti 'l fuq minn ħamsin post tax-xogħol.

Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mad-Direttur tal-*Y Limited* is-Sur Gordon Pace, ġiet diskussa l-possibiltà li flimkien ma' din l-kumpanija l-Kunsill jerga' jorganizza din l-attività f'Ħaż-Żabbar flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, mal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra u mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

Inqrat korrrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel dwar Kunċert Strumentali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja li ser isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill nhar il-Ħadd 4 ta' Settembru, 2016 fit-8.30 ta' filgħaxija fuq il-planċier f'Misraħ is-Sliem. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-kunċert mużikali flimkien mal-għaqda, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €1,164.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-berġa ta' Ħaż-Żabbar kienet ser terġa' tibda tiftaħ kuljum. Is-Sindku talab sabiex titwaħħal tabella fin-*notice board* tal-Kunsill biex b'hekk il-pubbliku jiġi notifikat b'dan it-tibdil.

Item 6 - Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Il-minuti tat-82 u tat-83 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 7 – Skeda ta' Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Lulju, 2016 u t-22 t'Awwissu, 2016 li kienet tammonta għal €79,848.59.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2016 li kien jammonta għal €65.06.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Ġunju 2016. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Item 8 – Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-sejħa għall-offerti għall-kuntratt għas-servizz ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq f'Ħaż-Żabbar kien ħareġ u għalhekk il-Kunsill irid jaħtar Bord ta' Evalwazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Bord ta' Evalwazzjoni ikun kompost mill-Perit Edric Micallef, mis-Sur Robert Buhagiar, mis-Sinjura Maria Livori, minnu bħala *Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsir *datatrak* fil-vann tal-Kunsill biex ikun hemm kontroll aħjar kemm tal-użu kif ukoll taż-żamma tal-vann.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex jinxtara vann għall-użu tal-Kunsill.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' skrivana taħt l-iskema CIES. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjorina Judy Scicluna hija l-aktar kandidata adattata

għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Judy Scicluna tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala skrivana taħt l-iskema CIES.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret it-talba lid-Dipartiment sabiex jimpjega tlett persuni b'diżabilità mal-Kunsill taħt l-iskema CIES, iżda d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma kienx aċċetta din it-talba. Is-Sindku qal ukoll illi kienet ħarġet Ċirkulari Numru 11/2016 dwar espressjoni t'interess għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità u l-Kunsill reġa' kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ma ssirx sejħa oħra biex jiġu ntervistati l-istess nies iżda minflok għandha tiġi milqugħa t-talba biex tiġi mpjegata t-tieni persuna skont l-ordni tal-mertu.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament sabiex ir-riċeviment tal-festa isir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru, 2016 fis-7.30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttiegieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-ikel għal dan ir-riċeviment jiġi ordnat mingħand il-Baron Confectionery.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi assigurat li ma jkunx hemm problemi matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal illi s-Supretendent tal-Pulizija talab sabiex ma jitpoġġiex *mobile toilet* fi Triq San Piju V. Is-Supretendent tal-Pulizija qal illi matul il-ħin fejn parti minn Triq il-Kbira tkun imsejjħa *no man's land* mhux ser jitħalla jsir bejgħ ta' xorb alkoħoliku mill-ħanut Tutti Gusti u mill-ħanut MM Gratiae.

Is-Sindku qal illi kien infurmat li ser isir bejgħ ta' xorb alkoħoliku mill-ħanut tal-mastrudaxxa li jinsab fi Triq il-Kbira.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jistax jirrifjuta li joħroġ permessi sakemm ma jkunx hemm ordni mill-Knisja jew mill-Pulizija.

Is-Sindku mbagħad tkellem dwar il-bejjiegħa tat-toys u qal illi il-posti tat-toys ser ikunu kollha allokati f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sur Marc Vella Bonnici nforma lill-Kunsilliera dwar iż-żjara tad-delegazzjoni Ġermaniża li ser iżuru Ħaż-Żabbar għal żmien il-festa. Is-Sur Vella Bonnici qal li kopja tal-programm uffiċjali ser jintbgħat lil kull Kunsillier u kull min fost il-Kunsillieri jrid jakkumpanja lid-delegazzjoni hu mitlub jagħmel kuntatt miegħu jew mas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ġew irranġati l-bankini fil-viċinanzi tal-Iskola Primarja A filwaqt li l-bankina fi Triq il-Kunvent maġenb l-Iskola Primarja B kienet ser tiġi rranġata fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sindku qal ukoll illi kienu għaddejjin diskussjonijiet sabiex jitneħħa t-taraġ li hemm fuq il-bankina tal-Iskola Primarja B fi Triq Santa Tereża u minflok issir rampa.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mal-Ministeru għat-Trasport u Xogħlijiet ġiet diskussa l-possibiltà li jsir xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Triq Wied il-Għajn. Biex dan ix-xogħol isir, il-Kunsill iħallas ix-xiri tal-konkos li ser jintuża li jammonta għall-prezz ta' €13,084.50.

Is-Sindku qal illi minħabba problema ta' finanzi l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk issirx il-bankina ġdida fi Triq Wied il-Għajn jew jekk jingħatax wiċċ ġdid fi Triq Santa Duminka. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret talba mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Infrastruttura sabiex jiġu approvati l-finanzi u tkun tista' issir esproprjazzjoni tal-art fi Triq Bieb is-Sultan biex b'hekk tkun tista' tinfetaħ triq.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bankina fi Triq Wied il-Għajn.

Is-Sindku tkellem dwar il-possibilità li Triq Santa Duminka tiġi żona pedonali wara li tinfetaħ Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sindku talab sabiex isir iktar infurzar lokali fi Triq Santa Duminka peress illi kienu qed jgħaddu ħafna vetturi kbar minn din it-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu mal-GAL Xlokk u semma numru ta' programmi li l-Kunsill jista' jaħdem fuqhom biex iġib fondi għall-finanzjament ta' ċerti proġetti u inizjattivi.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab sabiex il-Kunsill jerġa' jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex Triq San Leonardu tingħata wiċċ ġdid wara li din it-triq tħalliet imkissra wara xogħol li sar snin ilu minn kuntrattur imqabbad minn Transport Malta.

Is-Sur Joseph Vella qal illi fi Triq il-Kunvent ma' Triq ix-Xgħajra kien qed jinħareġ ħafna skart goff.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex Triq l-Iskola issir *one way* minn Triq il-Vulcan. Is-Sur Vella talab ukoll biex qabel ma tingħalaq Triq il-Kunvent sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* ta' din it-triq isir *traffic management* fit-toroq tal-madwar.

Is-Sur Joseph Vella talab li ssir tabella ta' *one way* fi Triq iċ-Ċimiterju fil-kantuniera ta' Triq is-Saqwi li tindika li ma tistax tinżel lejn iċ-ċimiterju.

Is-Sur Joseph Vella rrefera għaċ-Ċirkulari numru 9/2016 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar inizjattiva dwar restawr ta' postijiet storiċi. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva hu li l-Kunsilli Lokali jidentifikaw postijiet storiċi fil-lokalitajiet tagħhom li jistgħu jiġu restawrati mid-Direttorat tar-Restawr. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema sabiex isir restawr tal-Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Vella talab sabiex jinxtara *defibrilator* biex dan jinżamm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sur Brian Spiteri talab li l-Kunsill jikteb lis-Supretendent tal-Pulizija u jitlob li jintbgħatu l-Pulizija tad-distrett iktar ta' spiss sabiex jagħmlu r-ronda f'Misraħ San Ġakbu peress illi kien qed isir ħafna vandaliżmu fil-pjazza.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament sabiex jerġa' jkellem lill-Ispettur tal-Pulizija sabiex ic-*CCTV cameras* tal-bandli jiġu mqabbda mal-għassa tal-Pulizija.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex tiġi mwaħħla t-tabella ta' *no left turn* fi Triq Tumas Dingli qabel ma toħroġ għal Triq is-Santwarju.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li jsir bieb fl-arkata li hemm maġenb Pjazza San Nikola peress illi kien qed jintefa' skart u materjal ieħor b'inkonvenjent kbir u detriment għal saħħet ir-resident. Is-Sindku qal illi l-MEPA kienet qed tipprova tkellem lis-sidien tal-art fi Pjazza San Nikola sabiex il-post jitnaddaf.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq A Caligari, Triq il-Qaqoċċ u Triq il-Fiġel.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex isir *refresh* ta' *stop sign* fi Triq tal-Ħofra fil-viċinanzi ta' Polymer Pharmacy.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jerġa' isir *double yellow line* quddiem 74, Triq il-Luq peress illi kien tħassar.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jitwaħħlu tabelli ta' *no parking* fi Triq il-Mina ta' Hompesch ħdejn il-bini tal-aġenzija tal-assigurazzjoni.

Is-Sindku qal illi kienet ser issir daħla fi Triq il-Mina ta' Hompesch ħdejn il-bini tal-aġenzija tal-assigurazzjoni sabiex b'hekk il-vetturi jkunu jistgħu jidħlu jipparkjaw aħjar fil-ġenb tat-triq.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex tiġi rranġata *road hump* li hemm fi Triq il-Luq u ssir katusa sabiex jgħaddi l-ilma tax-xita minnha.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isir refresh tar-*reserved parking bay* għall-persuni b'diżabilità fi Triq Salvu Astarita.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jitwaħħlu *wires* imdendlin li hemm fuq bejt tar-residenza numru 58 fi Triq il-Grazzji.

Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar *reserved parking* tal-familja Mercieca li tneħħiet minn Triq Santa Marija u li reġgħet saret ftit tal-jiem wara. Is-Sur Agius talab li jkun infurmat meta jkunu ser jitneħħew *reserved parkings* peress illi huwa kien il-Kunsillier inkarigat għall-Persuni b'Diżabilità u Inklużjoni Soċjali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi r-

*reserved parking* kienet tneħħiet peress illi kienet mingħajr il-permessi meħtieġa. Is-Sindku qal ukoll illi r-*reserved parking* reġgħet saret wara li nġiebu l-permessi minn Transport Malta.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-22 ta' Settembru, 2016 kien ser jorganizza attività għall-anzjani.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li ssir *central strip* fi Triq il-Qalb Imqaddsa.

Is-Sur Mark Grech talab biex il-Kunsill jerġa' jikteb lill-MEPA sabiex jittella' iċ-ċint madwar art mitluqa li hemm fi Triq ir-Riħan.

Is-Sur Mark Grech semma l-possibilità li Triq iċ-Ċulqana issir *one way*.

Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill illi flimkien mas-Sur Joseph Buttigieg kien attenda għall-attivita` Skola Sajf li saret flimkien mal-Skola Sajf tal-Iskola Primarja B.

Is-Sur Mark Grech issuġerixxa sabiex fi Ġnien il-Kunsill jinżebagħ passju mal-art sabiex ikunu jistgħu jilgħabu t-tfal.

Is-Sur Mark Grech talab li jkun hemm iktar infurzar lokali fi Triq Alessio Erardi peress illi kien qed isir parking bl-addoċċ.

Is-Sur Joseph Vella talab li jitbaxxew ir-*road humps* li hemm fi Triq Alessio Erardi.

Is-Sur John J Pace qal illi kien irċieva ilment mingħand ir-residenti sabiex isiru *parking bays* fi Triq Lia.

Is-Sur John J Pace informa lill-Kunsill illi fil-21 ta' Settembru, 2016 kienet ser issir l-attività Merħba lill-Ħarifa. Is-Sur John J Pace ppreżenta rendikont tal-attivita` Merħba lis-Sajf.

Is-Sur John J Pace ppropona li l-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Ċiviku jorganizza attività għall-okkażjoni tal-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku. Din l-attività ser ssir fil-25 t'Awwissu fis-Sala ir-Ragħaj it-Tajjeb. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività flimkien mal-Kunsill Ċiviku.

Il-Viċi-Sindku talab li tiġi rranġata bankina mkissra li hemm quddiem ir-residenzi bl-isem Kunċizzjoni u Ġiżimina fi Triq il-Qaqoċċ. Il-Viċi-Sindku talab ukoll sabiex isir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Qaqoċċ.

Il-Viċi-Sindku tkellem dwar il-possibiltà li tinstab soluzzjoni bil-għan li jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa li joħorġu mill-*Housing Estate* għal Triq il-Mina ta' Hompesh fid-direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-467-il laqgħa li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru, 2016.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku